MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 42/1996/1

Teddy Vella u Carmel sive Charles Spiteri

vs

John Xuereb

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li taqra:

Illi huma xtraw minghand il-konvenut zewg ‘gearboxes’ bil-prezz ta’ elf lira Maltin (Lm1000) u bil-ftehim li dawn il-‘gearboxes’ ikunu tal-istess ‘reduction’ ta’ 2:1;

Illi sussegwentement irrizulta lill-atturi li dawn il-gearboxes’ ma kienux tal-kwalita’ pattwita u cjoe’ kienu ta’ ‘reduction’ differenti wahda mill-ohra ta’ 2:1 u 3:1 u ghaldaqstant ma kienux konformi ghal ftehim li sar bejn il-kontendenti;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex jissostitwixxi l-‘gearboxes’ b’’reduction’ ta’ 3:1 ma’ ohra ta’ 2:1 huwa baqa’ inadempjenti u ghaldaqstant ma’ sarx il-hlas taghhom;

Illi z-zewg ‘gearboxes’ l-atturi rieduhom biex jigu wzati ghall-istess vejkolu tal-bahar u ghalhekk hemm lok li jirrifjutaw l-istess ‘gearboxes’ peress li ma humiex tal-istess kompatibilita’ kif attwalment rieduhom l-atturi;

Talbu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara illi z-zewg ‘gearboxes’ trasferiti mill-konvenut lill-atturi ma humiex tal-istess ‘reduction’ skond il-ftehim li kien sar bejnithom;
2. tordna r-risoluzjoni tal-bejgh li sar bejn il-partijiet u tawtorizza lill-atturi jirritornaw l-‘gearboxes’ lura lill-konvenut;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Xuereb li eccepixxa:

1. prelimarjament , in-nuqqas ta’ ‘locus standi judicii’ da parti tal-konvenut (recte attur) Carmel sive Charles Spiteri peress illi n-negozju oggett ta’ dil-kawza ma sarux mieghu u ghalhekk m’huwiex il-legittimu kontradittur ta’ l-attur (recte konvenut);
2. fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-‘gearboxes’ mibjugha lill-attur kienu skond il-ftehim pattwit.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal folio 66 tal-Qorti diversament preseduta fl-liema hemm registrat li l-partijiet ma kienx fadalhom provi;

Rat il-verbal sussegwenti wkoll ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn hu registrat li fil-kawza kien jehtieg n-nomina ta' perit tekniku li eventwalment gie nominat fil-persuna ta' Capt. Mario Grech M.Sc, MNI, MCIT (folio 98) minn dina l-Qorti kif preseduta;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-espert nominat (folio 98 et seq);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkonsidrat:

Huwa fatt mhux kontestat illi l-atturi xtraw zewg 'gearboxes' li qeghdin isostnu m'humiex tal-kwalita' patwita fis-sens li kellhom ikunu tal-istess reduction ta' 2:1 u minflokk wahda minnhom hija b''reduction' ta' 3:1. Qeghdin l-atturi ghalhekk isostnu li l-oggett (ossija iz-zewg 'gearboxes') m'humiex tal-kwalita' patwita u qeghdin jitolbu r-risoluzzjoni tal-bejgh. Minn dan jirrisulta li l-atturi mhux qeghdin jilmentaw minn difett latenti fil-'gearboxes' mixtrija tant li bbazaw il-kawza fuq l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi illi: "jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma' tkunx tal-kwalita' imweghdha,,,..ix-xerrej jista' jghazel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircevi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti". Fil-kawza intentata minnhom l-atturi qeghdin jiddomandaw biss li jirrifjutaw il-haga u jirritornaw l-oggett lura lill-bejjigh. Qeghdin ukoll l-atturi implicitament isostnu dwar li l-obbligazzjoni kienet wahda indivizibbli tali li ghalkemm l-oggett jikkonsisti f'zewg 'gearboxes' il-mod li bih kienu tqiesu fl-obbligazzjoni ma tippermettix li l-obbligazzjoni ssir in parti - dan b'referenza ghall-Artikolu 1111 tal-Kap 16.

Intant ghalkemm l-atturi sostnew fix-xhieda taghhom li l-'gearboxes' haduhom minghand certu Loreto Caruana, l-konvenut Xuereb mhux qed jikkontesta li kienu tieghu. Lanqas qed jikkontesta li l-bejgh taghhom sar lill-atturi. Issa minn mill-atturi kien li xtrohom hu immaterjali ghal finijiet ta' din il-kawza billi li huwa determinanti hawnhekk hu x'ftehim sar fir-rigward l-ispecifikazjonijiet taghhom, jekk sar. Li hu cert hu li l-intendiment tal-atturi kien li riedu jimmontaw l-'gearboxes' fuq magni li gabu mill-Amerika biex jitpoggew u jigu armati fuq il-lancia ta' proprjeta' tal-attur Spiteri.

F'din il-kawza kien nominat perit tekniku (kopja tar-relazzjoni tieghu esebita folio 98 et seq) mill-liema relazzjoni huma ta' interess l-osservazzjonijiet segwenti:

- li l-atturVella ikkonferma li l-'gearboxes' twahhlu fuq magni Perkins/Mazda 6237 'six cylinder' li kellhom sahha ta' 90bhp il-wahda u jduru 3400rpm;
- li l-istess attur ikkonferma wkoll li l-'gearboxes' li kien ha mill-konvenut kienu tat-tip Hurth 150V u li wara li sab li ma setax jahdem b'dan it-tip ta' 'gearboxes' kien xtara u wahhal fuq il-lanca 'gearboxes' tat-tip Hurth 630V;
- li da parti tieghu l-konvenut iddikjara li l-'gearboxes' kienu gejjin mill-istess bastiment u semma x'tip ta' ezami isir biex jigi identifikat jekk kienux tajbin;
- li fir-rigward 'ir-ratios tal-gearboxes' l-perit tekniku spiega li saru t-testijiet rikjesti li werew li meta gew l-imsemmija 'gearboxes' ingranati fuq lever shift A huma kellhom l-istess 'ratio' ta' 2.1:1, izda meta gew ingranati fuq lever shift B instab li dik il-'gearbox' li kellha l-pjanca fuqha kellha ratio ta' 2.05:1 waqt r-ratio fuq dik minghajr pjanca kien ta' 3.1.
- li fuq l-istregwa ta' dawn l-osservazzjonijiet u ohrajn kif indikat fir-realzzjoni l-perit tekniku ikkonkluda li l-gearboxes kienu ta' potenza zghira u ma kienux jifilhu ghall-magni li twahhlu u ntuzaw fuq il-lanca.

Madanakollu u stabbilit li kien hemm xi differenzi fir-‘reduction’ fuq is-shift B jibqa il-punt jekk kienx hemm kunsinna mill-attur mhux skond l-kwalita’ mifthema.

Fic-cirkostanzi u wara li qieset il-provi din il-Qorti hi tal-fehma illi l-atturi m’ghandhomx ragun ghaliex fil-verita’ mill-provi jekk tohrog haga cara hi li l-atturi infushom ma kienux jafu jew ma ntebhux x’gearboxes effettivament riedu u allura hu aktar kredibbli ix-xhud Caruana meta jghid, li fost min mill-atturi mar ghandu, staqsa ghal gearboxes tat-tip V- drive u ghalkemm mwissi li dawn kienu zghar ghat-tip ta’ magna ghazel xorta wahda biex l-ewwel issir konsenja ta’ wahda u sussegwentement ta’ l-ohra.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk taqta’ u tiddeciedi billi, fil-waqt li qeghdha tichad it-talba tal-atturi ghall-periti perizjuri skond in-nota taghhom folio 109, tichad wkoll t-talbiet taghhom dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kollha kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------